A.L. 363 ta' l-2005

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli skond l-Att dwar il-Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtijin bis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 84 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, bil-parir ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli skond l-Att dwar il-Kumpanniji, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli skond l-Att dwar il-Kumpanniji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 102 ta' l-1996.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "u fil-każ li tali assi ma jkunux suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-passiv hekk assunt, il-kredituri ta' dan m'għandu jkollhom ebda pretensjoni jew dritt ta' azzjoni kontra l-assi l-oħra tal-kumpannija, u d-disposizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi jew regolament fis-seħħ li jirregola l-falliment tal-kumpanniji m'għandu ikun japplika.", għandhom jidħlu l-kliem "u l-kredituri ta' dan ma għandu jkollhom ebda pretensjoni jew dritt ta' azzjoni kontra l-assi l-oħra tal-kumpannija, u għandhom ikunu japplikaw dawn ir-regoli li ġejjin:

(a) proċeduri li jkollhom x'jaqsmu mal-kumpannija għandhom ikunu jirrispettaw l-istatus legali ta' kull sottofond bħala patrimonju separat mill-attiv u l-passiv ta' kull sottofond ieħor tal-kumpannija skond dan ir-regolament; u

(b) proċeduri taht l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għas-sottofond bħal li kieku dan kien entità legali distinta u b'dawk il-modifiki li jkunu meħtieġa għar-rigward tal-fatt li dak is-sottofond ma jkunx kumpannija; u l-proċeduri li jkollhom x'jaqsmu ma' sottofond wieħed ma għandu jkollhom l-ebda effett fuq l-assi ta' xi sottofond ieħor tal-kumpannija jew tal-kumpannija nnifisha.

"Proċeduri" f'dan ir-regolament tirreferi għal kull proċedura skond it-Titolu II tat-Taqsima V u tat-Taqsima VI ta' l-Att."; u

(b) is-subregolamenti (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (4) u (5) rispettivament, u minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandu jiddaħħal dan is-subregolament (3) ġdid li ġej:

"(3) Meta titwaqqaf SICAV bħala kumpannija umbrella jew b'diversi klassijiet u din tagħżel li l-attiv u l-passiv tas-sottofondi tagħha jiġu trattati bħala patrimonji distinti, il-memorandum għandu jkun jipprovdi li l-valur attwali tal-kapital azzjonarju mħallas ta' kull sottofond għandu f'kull waqt ikun ugwali għall-valur ta' l-assi ta' kull tip tas-sottofond partikolari wara li jitnaqqas il-passiv ta' dak is-sottofond u dan minflok dak li hemm provdut fil-paragrafu (i) tas-subparagrafu (c) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 84 ta' l-Att.".